



EMA/536300/2017
EMEA/H/C/004443

Sommarju tal-EPAR għall-pubbliku

Lacosamide Accord

Iacosamide

Dan huwa sommarju tar-rapporto pubblico Ewropew ta' valutazzjoni (EPAR) għal Lacosamide Accord. Dan jispjega kif l-Aġenzija vvalutat il-mediċina biex tirrakkomanda l-awtorizzazzjoni tiegħu fl-UE u l-kondizzjonijiet ta' użu tiegħu. Dan mhux intiż biex jipprovdji konsultazzjoni prattika dwar l-użu ta' Lacosamide Accord.

Għal informazzjoni prattika dwar l-użu ta' Lacosamide Accord, il-pazjenti għandhom jaqraw il-fuljett ta' tagħrif jew jikkuntattjaw lit-tabib jew lill-ispiżjar tagħhom.

X'inhu Lacosamide Accord u għal xiex jintuża?

Lacosamide Accord huwa mediċina kontra l-epilessija li tintuża biex tikkura attakki ta' puplesja li jevolvu b'mod parpjali (attakki epilettiċi li jibdew minn parti spċċika tal-moħħiġ) f'pazjenti li jbatu mill-epilessija u li għandhom minn 16-il sena 'l fuq. Jista' jintuża biex jikkura attakki li jevolvu b'mod parpjali b'ġeneralizzazzjoni sekondarja jew mingħajra (meta l-attakk imbagħad jinfirex ma' partijiet oħra tal-moħħiġ).

Lacosamide Accord jingħata waħdu jew flimkien ma' mediċini oħra għall-epilessija.

Lacosamide Accord fih is-sustanza attiva lacosamide. Huwa "mediċina ġenerika". Dan ifisser li Lacosamide Accord fih l-istess sustanza attiva u jaħdem bl-istess mod bħal "mediċina ta' referenza" digħi awtorizzata fl-Unjoni Ewropea (UE) imsejħa Vimpat. Għal aktar informazzjoni dwar il-mediċini ġeneriċi, ara d-dokument ta' mistoqsijiet u tweġibiet [hawnhekk](#).

Kif jintuża Lacosamide Accord?

Il-mediċina tista' tinkiseb biss b'riċetta ta' tabib u tiġi bħala pilloli (50 mg; 100 mg; 150 mg; 200 mg). Id-doża tal-bidu tas-soltu hija 50 mg darbtejn kuljum li tista' tiżdied kull ġimġha għal doża massima ta' 300 mg darbtejn kuljum jekk użata waħidha, jew 200 mg darbtejn kuljum jekk tingħata ma' mediċini



oħra kontra l-epilessija. Jekk it-tabib jiddeċiedi li huwa meħtieġ effett aktar mgħaġġel, il-kura b'Lacosamide Accord tista' tinbeda b'doża tal-bidu oħla (msejħha doża ta' inizjazzjoni).

Jekk il-kura b'Lacosamide Accord ikollha titwaqqaf, id-doża għandha titnaqqas gradwalment. Għal iktar informazzjoni, ara l-fuljett ta' tagħrif.

Kif jaħdem Lacosamide Accord?

Is-sustanza attiva f'Lacosamide Accord, lacosamide, hija mediciċina kontra l-epilessija. L-epilessija tiġi kkawżata minn attivitā elettrika eċċessiva fil-moħħ. Il-mod eżatt ta' kif taħdem il-lacosamide għadu mhuwiex ċar, iżda jidher li din tnaqqas l-attivitā tal-kanali tas-sodju (pori fil-wiċċ taċ-ċelloli tan-nervituri) li jippermettu t-trażmissjoni ta' impulsi elettriċi bejn iċ-ċelloli tan-nervituri. Huwa maħsub ukoll li l-lacosamide tista' tgħin tipproteġi liċ-ċelloli tan-nervituri mill-ħsara. Flimkien, dawn l-azzjonijiet jistgħu jipprev jenu l-attivitā elettrika anormali milli tinfirex mal-moħħ kollu, u b'hekk inaqqsu l-possibbiltà ta' attakk epilettiku.

Kif ġie studjat Lacosamide Accord?

Diġà saru studji dwar il-benefiċċji u r-riskji tas-sustanza attiva fl-użu approvat mal-mediċina ta' referenza, Vimpat, u ma għandhomx għalfejn jiġu ripetuti għal Lacosamide Accord.

Bħal kull mediċina oħra, il-kumpanija pprovdiet studji dwar il-kwalità ta' Lacosamide Accord. Ma kienx hemm bżonn ta' studji ta' "bijoekwvalenza" biex jiġi investigat jekk Lacosamide Accord jiġix assorbit b'mod simili bħall-mediċina ta' referenza biex jiproduċi l-istess livell tas-sustanza attiva fid-demm. Dan għaliex is-sustanza attiva lacosamide, intweriet li hija solubbli ħafna u tiġi assorbita kompletament, li jfisser li kważi 100 % tas-sustanza tasal fid-demm meta tittieħed mill-ħalq.

X'inħuma l-benefiċċji u r-riskji ta' Lacosamide Accord?

Minħabba li Lacosamide Accord huwa mediċina ġenerika, il-benefiċċji u r-riskji tiegħu jitqiesu l-istess bħal dawk tal-mediċina ta' referenza.

Għaliex ġie approvat Lacosamide Accord?

L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini kkonkludiet li, f'konformità mar-rekwiżiti tal-UE, Lacosamide Accord intwera li huwa komparabbli ma' Vimpat. Għaldaqstant, il-fehma tal-Aġenzija kienet li, bħal fil-każ ta' Vimpat, il-benefiċċju huwa akbar mir-riskju identifikat. L-Aġenzija rrakkomandat li Lacosamide Accord ikun approvat għall-użu fl-UE.

X'miżuri qegħdin jittieħdu biex jiġi żgurat l-użu sigur u effettiv ta' Lacosamide Accord?

Ir-rakkomandazzjonijiet u l-prekawzjonijiet li għandhom jiġu segwiti mill-professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa u mill-pazjenti għall-użu sigur u effettiv ta' Lacosamide Accord ġew inklużi fis-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott u fil-fuljett ta' tagħrif.

Informazzjoni oħra dwar Lacosamide Accord

L-EPAR sħiħ għal Lacosamide Accord jinstab fis-sit elettroniku tal-Aġenzija: [ema.europa.eu/Find medicine/Human medicines/European public assessment reports](http://ema.europa.eu/Find_medicine/Human_medicines/European_public_assessment_reports). Għal aktar informazzjoni dwar il-kura b'Lacosamide Accord, aqra l-fuljett ta' tagħrif (parti wkoll mill-EPAR) jew ikkuntattja lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

L-EPAR sħiħ għall-mediċina ta' referenza jinstab ukoll fis-sit elettroniku tal-Aġenzija.